# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Nru. 13

It-Tlieta 19 t'Mejju 2020

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri għamel din il-laqgħa permezz ta' Microsoft Teams minħabba ċ-ċirkustanzi preżenti, fit-8:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| | Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

# Minuti



Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 13.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji;

**13.1.01** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 13.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-12

**13.2.01** Il-minuti tal-Laqgħa Numru 12 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**13.3.01** Il-Kunsill irċieva draft ta' ftehim (Data Processing Services Agreement) mal-Awtorita' tal-Artijiet mingħand id-DPO tal-Kunsill. Il-Kunsill Lokali ilu sa mis-sena 2000 jircievi u jipproċessa numru ta' pagamenti għan-nom tal-Awtorita tal-Artijiet (inkluzi l-predeċessuri tal-istess Awtorita). F'dan il-kaz il-Kunsill Lokali qiegħed jipproċessa dawn l-istess pagamenti u nformazzjoni għan-nom ta' entita oħra. Din l-istess informazzjoni tikwalifika bħal informazzjoni personali. Illi f'din is-sitwazzjoni l-Awtorita' tal-Artijiet hija d-*data controller* filwaqt li l-Kunsill Lokali huwa d-*data processor*. F'tali sitwazzjoni huwa neċessarju li jkun hemm fis-seħħ ftehim bil-miktub bejn it-tnejn *data controller* u d-*data processor* li jirregola r-relazzjoni bejniethom. Tant huwa hekk li l-GDPR u anke Data Protection Act jagħmlu dan il-ftehim bil-miktub bħala wieħed mandatorju. Is-Sindku qal li hu ra dan il-ftehim u jista jiġi ffirmat mill-Kunsill.

**13.3.02** Ix-xogħol ta' tranġar u tisbieħ fil-latrina pubblika tlesta. Il-Kunsill kien applika għall-fondi għall-attivitajiet u inizjattivi Kulturali u Soċjali, fondi ffinanzjati mill-Aġenzija LESA. Dawn il-fondi ġew approvati għal dan il-għan u għalhekk issa l-Kunsill ser japplika sabiex jiġbor parti mill-ispiża ta'dan il-proġett. L-ammont intitolat lill-Kunsill huwa ta' €2003.10 Ir-rapport ġie ppreżentat lill-Kunsill u ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**13.3.03** Il-Kunsill irċieva korrispondenza dwar Mistoqsija Parlamentari 13491 dwar widien imnaddfa u riabilitati. Fl-Għasri issemma Wied tal-Ort.

**13.3.04** Il-Kunsill irċieva L-"Għasri Local Council Performance Report for the Year 2019". Dan ir-rapport jagħti rendikont dwar ġbir ta' skart, ndafa, riċiklaġġ u manteniment tat-toroq. Il-Kunsill ħa nota ta' dan ir-rapport u ta r-risposta tiegħu.

**13.3.05** Il-Kunsill irċieva "no objection" mingħand Transport Malta dwar l-installazzjoni ta' mera fi Triq Wied il-Għasri ma Triq tac-Ċaqra. Il-mera ġiet ordnata.

**13.3.06** Il-Kunsill irċieva kopja ta' korrispondenza mingħand ir-Regjun Għawdex biex tingħata gwida mingħand il-Ministeru tas-Saħħa dwar il-ftuħ tal-latrini pubbliċi matul il-Pandemija tal-Covid 19.

**13.3.07** Il-Kunsilliera ġew notifikati dwar metodu ġdid ta' sottomissjonijiet ta' "health claims".

**13.3.08** Ċirkulari 5/2020 – Corona Virus (COVID-19) Miżuri ta' Prekawzjoni.

**13.3.9** Rapport mill-"Contract Manager" dwar l-indafa, u stat tat-toroq bejn it-30 ta' Marzu u s-17 ta' April. Inġibdet l-attenzjoni dwar il-bżonn ta' qtugħ ta' ħaxix f'diversi toroq. Dawn ġew innotati u l-qtugħ ta' ħaxix qed isir.

**13.3.10** Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li hu ser jiltaqa mal-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Clint Camilleri għada filgħodu sabiex jiddiskuti miegħu x-xogħol fi Triq Wied Sara, il-kostruzzjoni ta' *area* ta' rikreazzjoni fl-Għasri u bini ta' ħitan tas-sejjiegħ. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jiġi diskuss ukoll il-Fanal ta' Ġordan u s-sehem tal-Kunsill fl-amministrazzjoni tiegħu.

**13.3.11** Is-Sindku qal li minħabba ċ-ċirkustanzi tal-COVID-19 mhux ser isiru attivitajiet tal-festa. Hu semma speċjalment il-Logħob għal Kull Eta. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir xi tip ta' kompetizzjoni jew attivita *online*. Ġie ssuġġerit pittura jew *essay*. Din l-idea għandha tiġi żviluppata aktar.

## 13.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:

**13.4.01** Inġibdet l-attenzjoni li hemm tappiera tal-GO p.l.c li għandha bżonn manutenzjoni. Din tinsab bejn il-Knisja u ċ-Ċentru Parrokkjali.

**13.4.02** Inġibdet l-attenzjoni wkoll dwar bżonn ta' *patching* fi Triq Wied Sara kantuniera ma Triq iż-Żebbuġ. Is-Segretarja nfurmat lill-Kunsill li għandu jsir *patching* mill-Kuntrattur tal-Kunsill.

**13.4.03** Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace attenda l-laqgħa tar-Reġjun u ta rendikont tas-suġġetti li ġew diskussi.

a) Ġie diskuss il-ħruġ ta' offerta għad-dwal dekorattivi u dwal oħra. Il-Kuntratt li qed jintuża huwa skadut. Il-Kunsill tal-Għasri qabel li jagħmel parti minn dan il-Kuntratt.

b) Ġiet diskussa l-problema li nħolqot dan l-aħħar fil-Qala u fin-Nadur dwar ir-reġistrar ta' artijiet minn terzi persuni. Din il-problema issa qiegħda għand il-Gvern.

c) Issemma l-ammont ta' vandaliżmu li qed ikun hemm madwar Għawdex. Ġie nnotat li CCTV's mhux jgħinu f'dawn il-każijiet. Saret riċerka dwar l-ammont ta' pulizija f'Għawdex u ħareġ li hemm bżonn bejn 40 u 50 puliżija oħra.

## 13.5 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2019;

**13.5.01** Il-Kunsill iddiskuta l-*Financial Statements* 2019 kif ġew aġġustati mill-Awditur. Għall-kuntrarju tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tas-sena li għaddiet din is-sena ma kellna l-ebda defiċit indikat fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħna. Il-mod kif saru l-*Financial Statements* tas-sena 2018 ma rriflettawx il-pożizzjoni vera tal-Kunsill fis-sena 2018. Il-Financial Statements 2019 ġew approvati unanimament.

## 13.6 Proġett u Fondi għall-area ta' Rikreazzjoni;

**13.6.01** Il-perit ippreżenta pjanta tal-*area* ta' rikreazzjoni kif kien mitlub mill-Kunsill. Din il-pjanta tqasmet lill-Kunsilliera kollha u ġiet approvata mill-Kunsill. Il-perit ser jiġi mitlub sabiex jagħmel applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex il-Kunsill meta jikseb il-fondi ikun jista jibda dan il-proġett.

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-NGO tal-Għasri mhux ser ikun lest sabiex inkunu nistgħu napplikaw għall-fondi taħt l-iskema tal-GAGF. Meta tlabna NGO ieħor kif ukoll negozju ma tantx urew interess. Iżda l-Kunsill għandu fondi taħt l-Iskema ta' Sebbaħ Pajjiżek (tal-Awtorita tal-Ippjanar) u talab estenzjoni taż-żmien sabiex jintużaw dawn il-fondi.

## 13.7 Rapport tal-*Adjudication Board* dwar l-offerti ta' Triq Wied Sara;

**13.7.01** L-aġġudikazzjoni fuq dawn l-offerti għadha mhix lesta peress li kien hemm bżonn xi kjarifiki.

## 13.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' l-iskeda ta' pagamenti;

**13.8.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-13 biex ikunu approvati mill-Kunsill. Cheque numru 6968 għandu jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss. Il-komplament tal-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 13.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**13.9.01** Il-laqgħa ntemmet fis-7.40 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 23 ta' Gunju fis-7:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, l-Erbgħa 19 ta'Mejju 2020

| | |
|---|---|
| **FFIRMATA** | **FFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard | Rita Mifsud Attard |
| żSindku | Segretarju Eżekuttiv |